# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 347/2018

**Il-Pulizija**

**(Spettur Bernard C. Spiteri)**

**vs**

**Johan Cefai**

Seduta tal-24 ta' Mejju, 2019

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellat, Johan Cefai, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 27298(G) quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar is-17.3.2017 ghall-habta ta' 04.30 ta' filghaxija u fil-hinijiet ta' qabel waqt li kien qieghed fl-inhawi maghrufa ta' Trunciera, limiti tal-Qala, Ghawdex:

1. Waqt stagun maghluq ghat-tehid tal-ghasafar ha jew prova jiehu xi ghasfur bi ksur ta' Regolament 18(1)(c) tal-L.S. 549.42;
2. U aktar talli ha jew prova jiehu b'kull mezz li jkun xi ghasfur kif permess skont id-disposizzjonijiet mahruga mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni ghall-Ghasafar Selvaggi, u ma ssodisfax l-kondizzjonijiet kollha specifikati fil-licenza u f'kull ligi ohra bi ksur tar-Reg 12(1) u t-tielet proviso ta' Reg 28(3) ta' LS 549.42;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ha jew pprova jiehu xi ghasfur li huwa protett taht ir-Regolament dwar il-konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi (L.S 549.242) mhux skont dawn ir-regolamenti u mhux skont il-kundizzjonijiet ta' kull licenzja moghtija bi ksur ta' Regolament 4(1)(a) L.S 549.42;
4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ha jew ipprova jiehu xi ghasfur billi uza xbieki bi ksur tar-Regoalement (7)(1)(e) tal-L.S 549-42;
5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ha jew ipprova jiehu xi ghasfur billi uza jew zamm kwalunkwe apparat li l-uzu tieghu huwa pprojbit taht is-subregolament (1) ta' regolament 7 ta' regolamenti dwar il-konservazzjoni ta' l-ghasafar Salvaggi u cioe l-uzu ta' tisfir irrekordjat minn qabel t'ghasafar u dan bi ksur ta' regolament 7(1)(d) tal-L.S 549.42

Il-Qorti kienet mitluba bis-sahha tar-regolament 27(2)(b) tal-L.S 549.42 barra li taghti l-piena skont il-ligi tordna l-konfiska tal-corpus delicti u r-revoka permanenti ta' kull licenzja jew permess mahruga taht ir-Regolamenti dwar il-konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-ligijiet tal-Pulizija.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-20 ta' Lulju, 2018 li biha ma sabitx htija fl-imputat u lliberatu minn kull imputazzjoni;

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali ' introdott fir-registru ta' din il-Qorti fit-13 t'Awissu 2018. li bih talab lil din il-Qorti joghgobha **thassar u tirrevoka** s-sentenza appellata u minflok, tghaddi sabiex tiddisponi minn dan il-kaz skont il-ligi u fl-ahjar interess tal-gustizzja.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat ir-risposta tal-appellat;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellant jillanja s-sentenza appellata bil-gravami li l-ewwel Qorti kienet manifestament zbaljata u ghamlet enuncazzjoni zbaljata jew inkompleta tal-ligi fis-sentenza taghha ghaliex qatt ma setghet legalment u ragjonevolment tillibera lill-appellat meta l-prosekuzzjoni ma kienitx ghalqet il-provi taghha u kien jonqosha xhud indispensabbli xi tressaq;

2. Il-fatti ta' dan il-kaz brevement rakkontatati jirrigwardaw allegat insib waqt stagun maghluq ghall-kacca u insib u b'mezzi illegali u dan wara rapporti li saru lill-pulizija minn membri tal-CABS. Il-Qorti tal-ewwel grad, izda ma sabitx htija fl-imputat appellat u illiberatu. L-ilment tal-Avukat Generali muhiex dwar l-apprezzament mill-ewwel Qorti tal-fatti jew tal-ligi fil-mertu izda dwar enunzcazjoni zbaljata ghal dik li hi l-ligi proceduarali. Dan l-appell ghalhekk hu dwar il-procedura adoperata mill-ewwel Qorti li biha cahdet lill-prosekuzzjoni mid-dritt li tressaq il-provi taghha;

3. Tajjeb ghalhekk li ssir rassenja tal-iter procedurali ta' din il-kawza fejn jemergi illi l-ewwel udjenza quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kienet appuntata ghad-19 ta' Lulju 2018. Wahda mix-xhieda tal-prosekuzzjoni, certu Fiona Burrows, intavolat rikors fis-6 ta' Lulju sabiex tkun awtorizzata tixhed f'seduta ohra peress illi fid-data tal-

udjenza kienet ser tkun imsiefra. Dik it-talba kienet michuda ghaliex x-xhud ma annettietx kopja tal-biljett tal-ajru mar-rikors taghha. Waqt l-udjenza, izda, l-Ispettur Prosekutur talab differiment sabiex ikun jista' iressaq xhud iehor, certa Leigh Assinders u l-istess Fiona Burrows. Minkejja li l-ewwel Qorti kienet cahdet it-talba ta' Burrows b' digriet precedenti kif imsemmi qabel, l-istess Qorti laqghet it-talba tal-Prosekuzzjoni u ddeferiet l-udjenza ghall-20 ta' Lulju 2018, jigifieri ghall-ghada ;

4. Fid-data tas-seduta, Fiona Burrows ma dehrietx peress illi ma kienitx notifikata ghaliex kienet ghada msiefra u l-Qorti rregistrat is-segwenti verbal fl-atti tal-kawza:

> **Il-Qorti tinnota li din il-kawza giet differita ghal-lum fuq talba li ghamel il-bierah waqt is-seduta l-Ufficcjal Prosekutur u ghal darbohra Fiona Burrows u x-xhieda l-ohra li suppost raw lill-imputat jonsob regghu ma gewx illum.**
>
> **Il-Prosekuzzjoni esebiet kopja ta' e-mail li ntbaghtet il-bierah lil Fiona Burrows li qed tigi mmakata bhal dok BS.**
>
> **Il-Prosekuzzjoni tiddikjara li m'ghandhiex aktar provi xi tressaq f'dan il-kaz u b'hekk taqghlaq il-provi taghha.**

5. Fis-sentenza taghha, l-ewwel Qorti ghamlet referenza ghall-artikoli 637 u 638 tal-Kodici Kriminali u ghazlet illi temmen il-verzjoni tal-imputat fejn ghalhekk ma sabet htija f'ebda wahda mill-imputazzjonijiet u konsegwentement illiberatu minnhom;

6. Illi minn ezami tal-*iter* procedurali hawn skrutinat, jemergi illi waqt l-ewwel udjenza, dik li ghaliha fiha Fiona Burrows talbet li tkun awtorizzata tixhed f'seduta ohra, il-prosekuzzjoni talbet differiment wara li esebiet riferta pozittiva sia tal-istess Burrows kif ukoll tax-xhud Leigh Assinders. L-ewwel Qorti laqghet it-talba

minghajr ma ghamlet ebda sanzjoni kontra x-xhieda inkluz li jkunu migjuba b'mandat t'arrest ghas-seduta li kellha ssegwi. Dan hu li kellha taghmel l-ewwel Qorti skont gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti. Per ezemplari, u fost diversi ohrajn, fis-sentenza: Il-Pulizija vs Clive Debono (App Krim 144/2004 tal-14.9.2004) kien ritenut illi: "*rinfaccjata b'dik is-sitwazzjoni, fejn l-unici zewg xhieda tal-prosekuzzjoni – it-tnejn Ufficjali tal-Pulizija – naqsu li jidhru meta hekk imsejjha, l-Ewwel Qorti kellha, apparti l-kundanna taghhom ghad-disprezz li hi gustament ghamlet, kellha tiddiferixxi l-kawza w tordna mandat t'arrest jew akkumpanjament kontra taghhom ghas-seduta li jmiss......Dan ghaliex, kif giet ritenut fl-Appell Kriminali* ***"Il-Pulizija vs. Domenico Savio Spiteri"*** *[5.1.1996], la darba ix-xhud ikun debitament notifikat u sakemm il-partijiet ma jirrinunzjawx ghalih, il-Qorti ma ghandhiex tghaddi ghas-sentenza bla ma tisimghu, imma jekk ix-xhud ikun indispensabbli ghal kaz – kif ovvjament kienu z-zewg Surgenti f'dan il-kaz – il-Qorti kellha tiddiferixxi l-kawza ghal data ohra....*".

7. Dan l-insenjament huwa segwit fl-aktar sentenzi ricenti ta' din il-Qorti anke jekk dwar cirkostanzi li mhux strettament identici izda simili. Qed ssir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet: Il-Pulizija vs Gianluca Coliero tat- 3 ta' Mejju, 2019. Issa minn fost diversi aspetti tas-sentenza Clive Debono u dik appena appena citata, l-aktar wiehed ta' importanza hu dak li l-ewwel Qorti kellha tiddiferixxi l-kawza kif fil-fatt ghamlet il-Qorti li pprolatat is-sentenza mertu tal-appell odjern. Issa meta l-Qorti hija tenuta li tiddiferixxi kawza ghandha taghmel dan b' mod **effettiv** ghaliex altrimenti, bhalma gara f'dan il-kaz, differiment ghal ghada sssarraf biss f'sitwazzjoni fejn ix-xhieda ma setghux ikunu notifikati. Haga din li nnewtralizzat l-effett ta' notifika pozittiva tax-xhieda ghall-ewwel seduta.

8. Il-fatt illi l-prosekuzzjoni mhux biss ma talbitx ghall-differiment fit-tieni udjenza izda ukoll li ddikjarat li ma kellhiex aktar provi xi tressaq ma jistghax jitqies li huwa rinunzja ghax-

xhieda taghha ghaliex ma hemm ebda tali dikjarazzjoni. Tant huwa hekk illi l-prosekuzzjoni hasset li kellha tesebixxi l-korrispondenza bejnha u bejn ix-xhud li kienet imsiefra meta sabet ruhha f'sitwazzjoni fejn id-differiment lilha koncess fl-ewwel seduta mhux biss ma sewa ghal xejn la darba ma setghetx fi zmien erba u ghoxrin siegha tinnotifika lix-xhud, izda sabet ruhha f'qaghda tali li ma kellha ebda gustifikazzjoni legali ghaliex titlob differiment iehor la darba r-riferta tax-xhud kienet wahda negattiva;

Illi ghalhekk l-Avukat Generali ghandu ragun b'dan illi tirrizulta nuqqas ta' formalita' sostanzjali f'dak li sehh quddiem l-ewwel Qorti. Konsegwentement tiddisponi minn dan l-appell billi tiddikjara s-sentenza appellata nulla u bla effett. U stante li x-xhieda rikjesti mill-prosekuzzjoni qatt ma kienu mismugha mill-ewwel Qorti qed terga tibghat l-atti quddiem l-ewwel Qorti sabiex il-kaz kontra l-appellat jerga jinstemgha u jkun deciz mill-gdid.

**IMHALLEF** **D/REGISTRATUR**